MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1364/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs
Roqa Ltd (C-31162)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf u tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1083.36), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2131 5175/6/7 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A u B).**
**Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata sabiex tghaddi ghall-hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta’ Dicembru, 2005 ghas-subizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1083.36) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-8 ta’ Novembru, 2005, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------